# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 24 ta' Frar 2022**

**Kawza Numru: 5**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 570/19 JVC**

**Antoinette armla minn Anthony Degiorgio li ghandha il-karta tal-identita` numru 1019047M**

**vs**

**Doris Testa K.I. 373744M Joseph Schembri K.I. 275443M**
**Carmen Sciortino K.I. 455745M**
**Marie Louise Bonaci K.I. 138959M**
**Leslie Schembri K.I. 715760M**
**Edward Schembri K.I. 340663M**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Antoinette Degiorgio ikkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

1. 'Illi l-partijiet huma ahwa, ulied il-mejta Maria Schembri, li mietet fil-16 ta' Mejju 2013, u l-eredita' taghha hija regolata biss minn zewg testmenti, wiehed igib id-data tal-07 ta' April 1986 fl-atti tan-Nutar Paul Pullicino u l-iehor addizzjonali li jgib id-data tal-09 ta' Marzu 1988 pubblikat minn Nutar Tonio Spiteri u b'dan tal-ahhar it-testatrici biddlet biss it-Tielet artiklu tal-ewwel testment hawn fuq riferut u altrimenti kien hemm konferma tal-istess testment. Kopja taz-zewg testmenti u tar-ricerka fir-Registru Pubbliku u f'dak tal-Qorti Gurisdizzjoni Volontarja jinsabu hawn esebiti u mmarkati rispettivament bhala Dokumenti "A", "B", "C" u "D".

2. Illi ai termini tal-ewwel testment tal-mejta Maria Schembri u senjatament ta' l-Artiklu numerat *"it-Tieni Artiklu"*, l-omm halliet, in via ta' legat, lill-attrici *brazzuletta tad-deheb wiesgha zewg iswaba, curkett tad-deheb abjad bil-brillanti (rosetta) u medaljun tad-deheb bl-insigna ta' "Cancer"*, liema tlett oggetti kienet taghthomlha l-istess bintha, l-attrici, f'okkazjonijiet differenti, bhala rigali, kif, del resto, hemm rikonoxxut ukoll fl-imsemmi artiklu tal-precitat testment.

3. Illi ai termini ta' *"l-Ewwel Artiklu"* tat-Testment tas-09 ta' Marzu 1988, l-istess testatrici, wara li halliet b'legat l-erba' oggetti hemm imnizzla lill-konvenuta Marie Louise Bonaci ordnat hekk "(thalli) *lil uliedha bniet l-ohra hlief Marie Louise*

*Bonaci l-oggetti l-ohra tad-deheb li soltu jilbsu n-nisa u dawk l-oggetti l-ohra tad-deheb li soltu jilbsu l-irgiel lil uliedha subien".*

4. Illi ai termini tal-ewwel testment, l-attrici wirtet, flimkien ma' hutha, lil ommha billi giet nominata flimkien ma' hutha kollha (is-seba' li kienu) eredi tal-istess omm.

5. Illi il-partijiet gia iddisponew fil-parti l-kbira tal-patrimonju ereditarju tal-omm izda dawn iz-zewg legati imsemmija fil-paragrafi precedenti ghadhom ma gewx onorati mill-konvenuti

6. Illi l-imsemmija oggetti li jifformaw il-legat ai termini tat-Tieni Artiklu tat-testment fuq riferut pubblikat minn Nutar Paul Pullicino kienu u jinsabu fil-pussess tal-konvenuta Testa li giet mitluba aktar minn darba sabiex tghaddihom, fizikament, lill-attrici, izda din dejjem irriteniet li qatt ma instabu ghandha u ma humiex fil-pussess taghha. L-istess konvenuta Testa baqghet tasserixxi illi kwalsiasi oggett tad-deheb ta' ommha li jinstab fil-pussess taghha inghata lilha mill-omm waqt li l-omm kienet ghadha hajja.

7. Illi il-konvenuta Testa mhux biss tinsab fil-pussess tal-imsemmija oggetti talli l-attrici taf ukoll illi il-konvenuta sahansitra anke ghamlet uzu minnhom u libsithom, wara il-mewt tal-omm, kif jistghu jixhdu diversi nies.

8. Illi mitluba tghaddi il-pussess materjali tal-istess oggetti lill-attrici, il-konvenuta Testa baqghet inadempjenti.

9. Illi il-konvenuti gew ukoll mistiedna jghaddu ghad-divizjoni u assenjazzjoni tal-oggetti l-ohra tad-deheb li soltu jintlibsu

minn nisa, ghajr ghal dawk li thallew bil-legat lil bintha il-konvenuta Bonaci, izda huma baqghu inadempjenti.

Jghidu ghalhekk il-konvenuti, prevja d-dikjarazzjonijiet kollha necessarji u moghtija il-provvedimenti kollha opportuni, ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex tiddikjara illi [1] il-konvenuta Testa tinsab esklussivament fil-pussess tal-imsemmija tlett oggetti prezzjuzi li jiffurmaw il-mertu tat-Tieni Artiklu tat-testment ta' omm il-partijiet li gie ppubblikat fil-07 ta' April 1986 [2] illi l-imsemmija tlett oggetti hawn fuq riferuti jappartjenu esklussivament lill-attrici, [3] tikkundannaha sabiex tghaddi il-pussess materjali tal-imsemmija oggetti u allura tikkonsenjahom lill-attrici fiz-zmien qasir u perentorju li joghgobha tiffissa din il-Qorti, [4] jghidu il-konvenuti kollha ghaliex ma ghandhomx jigu identifikati l-oggetti kollha tad-deheb li kellha ommhom appartenenti lin-nisa u [5] illi dawn l-imsemmija oggetti, ai termini tar-raba' talba, jigu maqsuma bejn il-kontendenti f'sehem egwali bejniethom, jekk hemm bzonn permezz tal-opera ta' periti nominandi u dan ad eskluzjoni tal-konvenuta Bonaci u dan in sodisfazzjon tal-legat imholli permezz tat-testment tal-09 ta' Marzu 1988 [6] issir il-qasma materjali bejn il-partijiet nisa, dejjem ad eskluzjoni tal-konvenuta Bonaci, b'mod li kull wahda minnhom tircevi u tiehu sehmha ossija l-oggetti tad-deheb li jigu assenjati lilha, jekk hemm bzonn billi tittella' ix-xorti jew permezz ta' qasma maghmula mill-espert li ghandu jigi imqabbad mill-Qorti ghal dan l-iskop – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

B'riserva ta' kull azzjoni ohra spettanti lill-attrici inkluz u senjatament l-opportuna procedura ta' mandat in factum kontra l-konvenuta Testa u bl-ispejjes komprizi dawk ta' tlett ittri legali tal-

25/05/17, 23/07/18 u tal-09/08/18 kontra il-konvenuti li minn issa jibqghu ingunti ghas-subizzjoni taghhom.'.

Rat ir-risposta guramentata ta' Doris Testa u Edward Schembri li taqra kif isegwi:

1. 'Illi preliminarjament dan ir-rikors huwa irritu u null stante illi l-attrici naqset milli tipprova illi ghandha l-interess guridiku sabiex tintavola il-kawza odjerna u dan peress illi hija naqset milli tipprova illi l-assi illi thallew lilha bit-titolu ta' legat skont it-testment ta' nhar is-sebgha (7) ta' April elf disa' mija u sitta u tmenin (1986) fl-atti tan-Nutar Paul Pullicino u illi hija qieghda titlob u cioe` il-brazzuletta tad-deheb wiesgha *zewgt iswaba, curkett ta-deheb abjad bil-brillanti (Rosetta) u medaljun tad-deheb bl-insigna ta' "Cancer"* kienu jiffurmaw parti mill-assi ereditarji ta' ommha Maria Schembri fil-mument ta' mewt taghha u cioe` fis-sittax (16) ta' Mejju elfejn u tlettax (2013).

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u ghal darb' ohra b'mod preliminari il-konvenut Edward Schembri detentur tal-karta tal-identita' numru 340663M ma huwiex il-legittimu kontradittur u dana stante illi l-attrici qieghda tallega illi l-assi illi thallew lilha permezz ta' legat allegatament qeghdin fil-pussess ta' ohthom il-konvenuta Doris Testa u hija qieghda titlob illi jinqasmu l-artikoli tad-deheb illi jintlibsu min-nisa u mhux dawk illi jintlibsu mill-irgiel u ghaldaqstant il-kawza ma kellhiex tinfetah kontra tieghu.

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet, ic-citazzjoni hija monka u kwindi nulla, billi tivvjola d-

disposizzjonijiet tal-Artikolu 156(4) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Dana peress illi naqset milli tindika l-ismijiet tax-xhieda illi bi hsiebha tressaq u dwar kull xhud li indikat, xi prova bi hsiebha taghmel bix-xhieda tieghu;

4. Illi minghajr pregudizzju ghal eccezzjonijiet suriferiti, l-attrici naqset milli ggib prova tal-valur tal-imsemmija oggetti sabiex tkun tista' tigi ikkonfermata illi din l-Onorabbli Qorti ghandha l-kompetenza illi tisma' il-kawza odjerna *ratione valoris.*

5. Illi fil-mertu, it-talbiet tal-attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante illi il-konvenuta Doris Testa kategorikament tichad illi hija tinsab fil-pussess tal-artikoli tad-deheb illi huma is-suggett tal-kawza odjerna u l-attrici diga' giet infurmata dwar dan diversi drabi u dan kif anke gie ikkonfermat mill-attrici stess fir-rikors guramentat stess. Inoltre l-unici artikolu tad-deheb illi il-konvenuta Doris Testa ghandha fil-pussess taghha u illi kienu jappartjenu lid-defunta Maria Schembri kienu gew donati lilha minghand ommha filwaqt illi din tal-ahhar kien ghadha hajja u illi ma jinkludux dawk l-artikoli illi huma suggett ta' dan il-legat u ta' din il-kawza.

6. Illi inoltre il-konvenuti Doris Testa u Edward Schembri qatt ma raw l-imsemmija oggetti u lanqas jafu kif jidhru.

7. Illi bla pregudizzju ghas-suespost ir-raba' (4), l-hames (5) u s-sitt (6) talbiet huma improponibbli u dan stante illi ai termini tal-artikolu 700 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jekk xejn, jekk ghandu isir xi inventarju dwar l-oggetti tad-deheb

illi kellha omm il-konvenuti, Maria Schembri u illi jintlibsu min-nisa dan ghandu ikun limitat ghal dak id-deheb illi kien jinsab fil-pussess tal-imsemmija Maria Schembri fil-mument ta' mewtha u mhux ta' dak id-deheb kollu illi hija kienet tippossjedi f'hajjitha u illi kienet b'xi mod iddisponiet minnu matul hajjitha.

8. Illi l-assi kollha tal-imsemmija Maria Schembri illi kienu fil-pussess taghha fil-waqt ta' mewtha gew maqsuma bejn l-attrici u l-konvenuti kollha fit-totalita' taghhom u ghaldaqstant ma jonqos illi ssir l-ebda divizjoni in konnessjoni mal-eredita' tas-sinjura Maria Schembri u dan kif ser jigi ippruvat matul il-kawza.

9. Salvi u impregudikati eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.'.

Rat l-affidavits, xiehda, ritratt, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal tal-5 ta' Dicembru, 2019 il-Qorti rat illi l-konvenuti Joseph Schembri, Carmen Sciortino, Marie Louise Bonaci u Leslie Schembri gew debitament notifikati bir-rikors guramentat u ghalhekk stante li ghadda t-terminu ghar-risposta u ma gietx ipprezentata risposta fl-atti ddikjarat lil konvenuti imsemmija kontumaci;

Rat illi fil-verbal tat-23 ta' Jannar, 2020 Dr Malcolm Mifsud ghall-intimata Doris Testa b'referenza ghall-ewwel eccezzjoni ddikjara li filwaqt li jzomm ferm l-eccezzjoni li l-attrici m'ghandiex interess guridiku rtira l-eccezzjoni tan-nullita' ta' din l-azzjoni;

Rat illi fil-verbal datat 13 ta' Ottubru, 2021 il-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta` tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat;**

Illi l-kawza odjerna titratta l-hlas ta' legat lir-rikorrenti Antoinette Degiorgio ta' xi oggetti tad-deheb u d-divizjoni ta' oggetti ohra tad-deheb bejn il-werrieta nisa lkoll appartenenti lill-mejta Maria Schembri in sodisfazzjon mal-legat u d-disposizzjonijiet testamentarji tal-istess Maria Schembri fiz-zewg testmenti taghha datati 7 ta' April, 1986 fl-atti tan-Nutar Paul Pullicino u fid-9 ta' Marzu, 1988 fl-atti tan-Nutar Tonio Spiteri.

Illi l-intimati Joseph Schembri, Carmen Sciortino, Marie Louise Bonaci u Leslie Schembri malgrad li gew notifikati bir-rikors guramentat ma ntavolawx risposta u ghalhekk fil-verbal tal-5 ta' Dicembru, 2019 gew iddikjarati kontumaci.

Illi l-intimati Doris Testa u Edward Schembri ntavolaw ir-risposta taghhom nhar it-8 ta' Awwissu, 2019 u preliminarjament eccepew li r-rikors huwa irritu u null stante li r-rikorrenti naqset milli tipprova l-interess guridiku sabiex tintavola l-kawza u dan billi naqset milli tipprova li l-assi li thallew lilha kienu jiffurmaw parti mill-assi ereditarji ta' ommha Maria Schembri fil-mument tal-mewt taghha u cioe' fis-16 ta' Mejju, 2013. L-intimat Edward Schembri eccepixxa preliminarjament ukoll li mhux il-legittimu kontradittur u dan stante li r-rikorrenti nfisha qieghda tallega li l-

assi li thallew lilha b'legat qeghdin fil-pussess ta' ohthom l-intimata Doris Testa u qieghda titlob li jinqasmu l-artikoli tan-nisa u mhux ukoll dawk tal-irgiel ghalhekk il-kawza ma kelliex ghalfejn tinfetah kontrieh. L-intimati eccepew ulterjorment li c-citazzjoni hija wahda monka u kwindi nulla stante li tivvjola d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 156(4) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta billi ma ndikatx l-ismijiet tax-xhieda u xi prova bi hsiebha taghmel bix-xiehda tieghu. L-intimati eccepew ukoll li r-rikorrenti naqset milli ggib prova tal-valur tal-oggetti sabiex tkun tista' tigi kkonfermata l-kompetenza ta' din il-Qorti *ratione valoris*.

Fil-mertu l-intimati eccepew li t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan peress li l-intimata Doris Testa kategorikament tichad li hija tinsab fil-pussess tal-artikoli tad-deheb suggett ta' din il-kawza. Issostni li l-unici oggetti tad-deheb li hija ghandha u li kienu jappartjenu lid-defunta ommha Maria Schembri huma dawk li gew iddonati lilha minghand ommha filwaqt li kienet ghadha hajja u li ma jinkludux dawk l-artikoli li huma suggetti tal-legat imsemmi. Jinsistu li huma qatt ma raw dawn l-oggetti msemmija. Dwar ir-raba', l-hames, u s-sitt talbiet isostnu li huma mproponibbli stante li ai termini tal-Artikolu 700 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jekk kellu jsir xi inventarju dwar l-oggetti tad-deheb li kellha l-mejta Maria Schembri dan kellu jkun limitat ghal dak li kellha fil-pussess fil-mument tal-mewt taghha u mhux dak id-deheb li kienet tippossjedi tul hajjitha kollha. Finalment eccepiet li l-assi kollha tal-mejta Maria Schembri li kellha fil-pussess fil-hin ta' mewta gew maqsuma bejn ir-rikorrenti u l-konvenuti fit-totalita' taghhom u ghaldaqstant ma jonqos xejn x'jigi diviz.

**<u>L-ewwel eccezzjoni preliminari:</u>**

Illi l-intimati Doris Testa u Edward Schembri bhala l-ewwel eccezzjoni preliminari jeccepixxu li r-rikors huwa rritu u null stante li r-rikorrenti m'ghandiex interess guridiku billi naqset milli tipprova li l-assi mhollija lilha bil-legat skont it-testment tas-7 ta' April, 1986 kienu jiffurmaw parti mill-assi ereditarji tal-mejta Maria Schembri fil-mument tal-mewt taghha fis-16 ta' Mejju, 2013.

Illi Dr. Joseoph Schembri ghar-rikorrenti fil-verbal tal-5 ta' Dicembru, 2019 ivverbalizza li b'referenza ghall-ewwel eccezzjoni tal-intimati talab li l-istess intimati jindikaw l-artikolu jew l-artikoli tal-Ligi li ai termini taghhom qed isejjsu l-istess eccezzjoni.

Fil-verbal sussegwenti tat-23 ta' Jannar, 2020 Dr Malcolm Mifsud ghall-intimata Doris Testa vverbalizza li b'referenza ghall-ewwel eccezzjoni taghha filwaqt li zammet ferm l-eccezzjoni li l-attrici m'ghandiex interess guridiku, irtirat l-eccezzjoni tan-nullita' ta' din l-azzjoni.

Illi f'dan il-kuntest ta' interess guridiku l-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Frar, 1984 fl-ismijiet **Pietro Paolo Borg -vs- Giuseppe Caruana** fejn inghad illi:

> 'In tema legali jinsab stabbilit fid-dritt gudizzjarju Civili li **l-interess hu l-mizura tal-azzjoni (Vol. XXXVII.ii.608)** u r-rekwizit tal-interess hu **ndispensabbli ghall-proponibilita' ta' domandi** fi kwalunkwe sede ta' gurisdizzjoni kontenzjuza **(Vol. XXVII.I.507)**. L-interess hu **l-bazi tal-azzjoni (Vol. XXIX.i.891)**; u **ma jistax ikun hemm azzjoni jekk ma jkunx hemm interess (Vol. XXX.i.317)**. L-attur fil-gudizzju jrid ikollu nteress jistitwixxi l-azzjoni u jottjeni l-

akkoljiment taghha. Jekk l-azzjoni tkun inkapaci li tipproduci rizultament-vantaggjuz jew utili ghal min jippropponiha, dik l-azzjoni ma tistax tigi protetta. U l-interess irid ikun ga twieled u jrid ikun **attwali**, biex jiggustifika l-azzjoni **(Vol. XXXIII.i.108; Vol. XXXVII.i.57; Vol XXXVII.ii.608)**. Biex wiehed jipproponi domanda f'gudizzju, kif ukoll biex imantniha, hemm bzonn illi jkollu nteress fiha, jigifieri hemm bzonn illi d-domanda ggiblu **rizultat utili**; liema nteress irid ikun **legittimu u konkret** **(Vol. XXVIII.ii.317)**;'.

Illi permezz tal-kawza odjerna r-rikorrenti Antoinette Degiorgio qed titlob il-hlas ta' legat dovut lilha in ottemperanza mat-Tieni artikolu tat-testment tas-7 ta' April, 1986, kif ukoll, id-divizjoni ta' oggetti ohra tad-deheb in ottemperanza mal-Ewwel artikolu tat-testment tad-9 ta' Marzu, 1988 tal-mejta Maria Schembri.

Illi r-rikorrenti Antoinette Degiorgio flimkien mal-intimati huma lkoll ahwa wlied il-mejta Maria Schembri li giet nieqsa fis-16 ta' Mejju, 2013. L-imsemmija Maria Schembri kienet irregolat il-wirt u successjoni taghha permezz ta' zewg testmenti datati 7 ta' April, 1986 fl-atti tan-Nutar Paul Pullicino (a fol. 7 *et seq* tal-process) u fid-9 ta' Marzu, 1988 fl-atti tan-Nutar Tonio Spiteri (a fol. 13 *et seq* tal-process).

Irrizulta li permezz tat-Tieni artikolu tat-testment tas-7 ta' April, 1986 il-mejta Maria Schembri kienet iddisponiet billi halliet legat a favur ir-rikorrenti Antoinette Degiorgio ta':

*'...brazzuletta tad-deheb wiesgha zewg swaba, curkett tad-deheb abjad bil-brillanti (rosetta) u medaljum tad-deheb bl-insigna ta' "Cancer",*

*liema tlett oggetti kienet taghthomlha l-istess binthom f'diversi okkazzjonijiet.'*.

Irrizulta wkoll li fl-Ewwel artikolu tat-testment tad-9 ta' Marzu, 1988 il-mejta Maria Schembri kienet ukoll iddisponiet billi halliet prelegat ta' xi oggetti tad-deheb lil bintha Marie Louise Bonaci, kif ukoll

*'...(ii) Lill-uliedha bniet l-ohra hlief Marie Louise Bonaci l-oggetti l-ohra tad-deheb li soltu jilbsu n-nisa u dawk l-oggetti l-ohra tad-deheb li soltu jilbsu l-irgiel lil uliedha subien.'*.

Illi mill-analizi suesposta l-Qorti assolutament ma taqbilx mal-eccezzjoni preliminari tal-intimati li r-rikorrenti Antoinette Degiorgio m'ghandiex l-interess guridiku sabiex tipproponi l-kawza odjerna. Kif spjegat fil-paragrafi precedenti r-rikorrenti hija benefattrici ta' legat mholli lilha minn ommha l-mejta Maria Schembri. Dan wahdu gia jikkwalifika lir-rikorrenti bl-interess guridiku necessarju sabiex tistitwixxi l-kawza odjerna.

Imbaghad jekk wiehed jiffoka fuq ir-raguni elenkata mill-intimati ghalfejn ir-rikorrenti suppost m'ghandhiex interess guridiku, l-Qorti ma tarax li din l-eccezzjoni taghmel wisq sens. Dan ghaliex il-fatt li r-rikorrenti ma tippruvax li l-assi mhollija lilha bil-legat minn ommha ma kienux jiffurmaw parti mill-assi ereditarji fil-mument tal-mewt taghha, ma jwassalx sabiex jiklassifika lir-rikorrenti bhala nieqsa minn l-interess guridiku necessarju. Din ir-raguni tista twassal sabiex jigi stabbilit li kien hemm nuqqas ta' provi dwar l-assi tal-mejta, u ghalhekk cahda tat-talbiet, pero' mhux nuqqas ta' interess guridiku fir-rikorrenti Antoinette Degiorgio. Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad l-eccezzjoni preliminari.

**<u>It-tieni eccezzjoni preliminari:</u>**

Illi l-intimati Doris Testa u Edward Schembri eccepew bhala t-tieni eccezzjoni preliminari li l-intimat Edward Schembri mhux il-legittimu kontradittur stante li r-rikorrenti tallega li l-assi mhollija lilha jinsabu fil-pussess ta' ohtha l-intimata Doris Testa u qieghda titlob li jinqasmu l-artikoli tad-deheb li jintlibsu min-nisa biss u mhux ukoll dawk li jintlibsu mill-irgiel. Ghalhekk il-kawza ma kelliex tinfetah kontra tieghu.

Illi dwar il-kunsinna ta' legat is-sub-artikolu 1 tal-Artikolu 726 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) jiddisponi illi:

> '(1) Il-legatarju għandu jitlob lill-werriet il-pussess tal-ħaġa imħollija legat.'

Illi l-mejta Maria Schembri permezz tal-hames artikolu tat-testment tas-7 ta' April, 1986 fl-atti tan-Nutar Paul Pullicino (a fol. 7 et seq tal-process) kienet iddisponiet illi s-seba' wliedha huma l-werrieta universali taghha. Hekk jaqra dan l-artikolu:

> 'Il-Hames Artikolu
>
> Salvi l-prelegati fuq imsemmija it-testatrici tinnomina u tistitwixxi bhala eredi taghha universali lis-seba uliedha u cioe' Joseph, Maria Dolores sive Doris mart Alan Testa, Carmen mart Salvino Sciortino, Antoinette mart Anthony Degiorgio, Marie-Louise mart Marcel Bonaci, Leslie, u Edward, u tesentahom mill-obbligu tal-kollazzjoni.'

La darba jirrizulta li l-intimat Edward Schembri huwa wkoll werriet universali, ir-rikorrenti ghamlet sew li nkludietu in gudizzju stante li huwa obbligat bhala werriet univerali li jimmitti lir-rikorrenti fil-pussess tal-legat, irrispettivament ghand min qeghdin l-oggetti u liema oggetti tad-deheb talbet li jigu divizi. Ghaldaqstant il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad ukoll din l-eccezzjoni preliminari.

**<u>It-tielet eccezzjoni:</u>**

Bhala t-tielet eccezzjoni taghhom l-intimati Doris Testa u Edward Schembri jeccepixxu li c-citazzjoni hija monka u kwindi nulla billi tivvjola d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 156 (4) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta). Dan peress li skonthom ir-rikorrenti naqset milli tindika l-ismijiet tax-xhieda li bi hsiebha tressaq u dwar kull xhud li ndikat xi prova bi hsiebha taghmel.

Illi ghal ahjar intendiment il-Qorti ser tipproduci s-sub-artikolu 4 tal-Artikolu 156 li jaqra kif isegwi:

> '(4) L-attur għandu wkoll jagħti mad-dikjarazzjoni l-ismijiet tax-xhieda li jkun bi ħsiebu jġib, filwaqt li jiddikjara dwar kull wieħed minnhom x'fatti u xi prova bi ħsiebu jagħmel bix-xiehda tagħhom.'

Illi jirrizulta li r-rikorrenti Antoinette Degiorgio mar-rikors guramentat taghha effettivament ghamlet lista tax-xhieda u dikjarazzjoni ta' x'fatti u xi provi riedet taghmel bix-xhieda. Madanakollu din il-lista tax-xhieda ma tindikax l-ismijiet b'mod specifiku u lanqas tindika b'mod dettaljat x'fatti u xi provi bi hsiebha r-rikorrenti taghmel bix-xhieda.

Illi dwar in-nullita' kif gie diversi drabi ritenut, hija odjuza u '*è un mezzo estremo a cui il legislatore non ricorre che in caso di necessita'*. (**Laurent, Principii di Diritto Civile**, Vol.I para. 43)'.

Illi jigi nnutat li ghalkemm ix-xhieda ma gewx indikati specifikatament b'isimhom, pero' gew indikati taht il-kappa ta' 'familjari', l-intimati xorta setghu jiddeducu min huma dawn ix-xhieda. In fatti fil-mori tal-kawza tressqu bhala xhieda l-partijiet fil-kawza u neputi – iben ir-rikorrenti. Ghalhekk effettivament l-intimati ma sofrewx pregudizzju. M'hemmx dubju li kieku r-rikorrenti ndikat ix-xhieda b'isimhom u b'aktar dettalji r-rikors guramentat kien ikun wiehed aktar komplut. Madanakollu l-Qorti ma tarax li b'daqshekk ir-rikors guramentat huwa wiehed monk u kwindi null aktar u aktar ikkunsidrat li n-nullita' hija odjuza. Ghaldaqstant fid-dawl ta' dak li ghadu kif inghad il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad din l-eccezzjoni.

**<u>Ir-raba' eccezzjoni:</u>**

Fir-raba' eccezzjoni l-intimati eccepew illi r-rikorrenti naqset milli ggib prova tal-valur tal-imsemmija oggetti sabiex tkun tista' tigi kkonfermata li din il-Qorti ghandha l-kompetenza li tisma' l-kawza *ratione valoris*.

Illi minn ezami tas-sub-artikolu 1 tal-Artikolu 47 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) m'hemmx dubbju li rrispettivament mill-valur tal-oggetti, azzjoni bhal din ta' immissjoni fil-pussess, kif ukoll identifikazzjoni u divizjoni ta' oggetti ta' deheb ghandha ssir quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili. Ghaldaqstant din il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad din l-eccezzjoni.

**Kunsiderazzjonijiet:**

Illi permezz tal-kawza odjerna r-rikorrenti Antoinette Degiorgio qieghda titlob illi:

i. jigi dikjarat li l-intimata Testa tinsab fil-pussess esklussiv ta' tlett oggetti tad-deheb mertu tat-tieni artikolu tat-testment tas-7 ta' April, 1986;

ii. jigi dikjarat li dawn it-tlett oggetti jappartjenu lilha;

iii. tikkundanna lill-intimata Doris Testa sabiex tghaddi l-pussess materjali tal-oggetti a favur tar-rikorrenti;

iv. jigu identifikati l-oggetti kollha tad-deheb li kellha l-mejta ommhom Maria Schembri appartenenti lin-nisa;

v. jigu divizi dawn l-oggetti tan-nisa jekk hemm bzonn permezz tal-opera ta' periti nominandi;

vi. issir il-qasma materjali bejn il-partijiet nisa ad eskluzjoni tal-intimati Bonaci, b'mod li kull wahda minnhom tircievi sehemha li jigu assenjati lilha jekk hemm bzonn billi jittelghu bix-xorti jew permezz ta' qasma maghmula mill-espert imqabbad mill-Qorti ghal dan l-iskop.

It-talbiet kollha jduru ma' dak li huwa d-deheb tal-mejta Maria Schembri u l-Qorti tinnota li l-kwistjoni magguri f'dan il-kaz hija li jigi identifikat il-post fejn huwa mizmum kemm id-deheb imholli bhala legat lir-rikorrenti fit-tieni artikolu tat-testment tas-7 ta' April, 1986 (a fol. 7 *et seq* tal-process), kif ukoll id-deheb imholli

lin-nisa kollha ahwa Schembri fl-ewwel artikolu tat-testment tad-9 ta' Marzu, 1988 (a fol. 13 *et seq* tal-process).

Illi mill-atti jirrizulta li l-partijiet jaghtu zewg verzjonijiet kompletament konfliggenti. Min-naha l-wahda r-rikorrenti tindika li d-deheb kemm dak imholli lilha, kif ukoll dak imholli lill-ahwa nisa Schembri huma fil-pussess tal-intimata Doris Testa. L-intimata da parti taghha tinnega li fil-pussess taghha ghandha d-deheb imholli bhala legat lir-rikorrenti u tindika li l-uniku deheb li ghandha fil-pussess taghha huwa dak moghti lilha minn ommha Maria Schembri waqt li kienet ghadha hajja.

Bhala prova dwar l-ezistenza tal-allegat deheb, ir-rikorrenti Antoinette Degiorgio tressaq bhala xhieda lil hutha Leslie Schembri (a fol. 40 *et seq*), Carmen Sciortino (a fol. 42 *et seq*), Mary Louise sive Marisa Bonaci (a fol. 49) u binha Antoine Degiorgio (a fol. 47 *et seq*). Ix-xhieda mressqa mir-rikorrenti li lkoll prezentaw affidavit, partikolarment l-ahhar tlieta, lkoll jindikaw li l-intimata Doris Testa ghandha fil-pussess taghha l-oggetti tad-deheb ta' ommhom Maria Schembri. Bhala prova materjali li l-oggetti tad-deheb moghtija b'legat lir-rikorrenti huma fil-pussess tal-intimata Doris Testa resqu ritratt a fol. 50 tal-process. F'dan ir-ritratt tidher l-intimata Doris Testa bilqieghda b'idejha fuq mejda u thares b'harsa diretta lejn il-camera. Fir-ritratt tidher li kienet liebsa arlogg bic-cinga sewda, katina, imsielet u brazzuletta. Ix-xhieda jindikaw li l-brazzuletta effettivament kienet il-brazzuletta p mhollija lir-rikorrenti permezz ta' legat fit-tieni artikolu tat-testment tas-7 ta' April, 1986. Ghalkemm il-Qorti ttentat taghmel kull sforz sabiex tidentifika id-daqs tal-brazzuletta stante li l-imsemmi testment jindika li l-brazzuletta hija wiesa zewg swaba, dan huwa difficli hafna li jsir stante li r-ritratt huwa zghir wisq u black and white bil-konsegwenza li jaghmilha mpossibbli li l-Qorti

tidentifika bi precizazzjoni l-karatteristici tal-imsemmija brazzuletta. Ghajr ghar-referenza ghal dan ir-ritratt ma tressqet l-ebda prova ohra dwar l-ezistenza effettiva ta' dan id-deheb.

Il-Qorti izda nnuta li fix-xiehda taghhom kemm ir-rikorrenti kif ukoll hutha xhieda mressqa minna naqsu milli jghidu li ommhom kienet iddisponiet minn diversi oggetti ta' deheb f'hajjitha lill-ahwa. Il-Qorti nnutat li dan hareg biss fil-kontro-ezami taghhom fejn ilkoll (ghajr ghal Leslie Schembri) iddikjaraw li rcevew xi oggetti tad-deheb minghand ommhom meta kienet ghadha hajja. L-intimat Edward Schembri wkoll kkonferma li d-decuius f'hajjitha kienet irregalat diveri oggetti tad-deheb lil uliedha. Nonostante dan izda hadd mill-partijiet fl-atti ma ndika bi precizazzjoni x'kienu l-oggetti tad-deheb li gew moghtija lilhom minn ommhom. Piuttost ir-rikorrenti in kontro-ezami kienet ftit riluttanti meta giet biex tindika x'oggetti tad-deheb inghataw lilha minn ommha! Fil-fatt fejn ghall-ewwel ammettiet li ommha kienet tatha xi oggetti tad-deheb mistoqsija specifikatament x'taghtha ftakret oggett wiehed biss:

| | |
|---|---|
| 'Dr Malcolm Mifsud: | Tatek. U tista' taghtina lista ta' x'taghtek jew inkella deskrizzjoni? |
| Xhud: | Kull ma tatni curkett ta' subghajja z-zghir bid-djamanti. Dak li niftakar. Dak li tatni.'. |

Illi l-Qorti tinnota li bit-twegiba taghha '*...Dak li niftakar.*' ir-rikorrenti Antoinette Degiorgio ma eskludietx li setgha kien hemm oggetti ohra tad-deheb li nghataw lilha minn ommha waqt li kienet ghadha hajja.

Illi minn dak kollu suespost jinsorgi ghalhekk li ma jistax jigi eskluz li l-mejta Maria Schembri setghet iddisponiet mill-oggetti tad-deheb li kien fadlilha billi ghaddithom lil uliedha u lin-neputijiet l-ohra qabel il-mewt taghha. Dan johloq dubju serju f'mohh din il-Qorti dwar kemm fir-realta' l-intimata Doris Testa ghandha xi oggetti tad-deheb fil-pussess taghha oltre dawk li giet moghtija direttament minn ommha tul hajjitha.

Maghdud ma' dan ghandu jinghad ukoll li t-testmenti li a bazi taghhom ir-rikorrenti qieghda tressaq it-talbiet taghha huma datati 7 ta' April, 1986 u 9 ta' Marzu, 1988. It-testatrici Maria Schembri mietet fis-16 ta' Mejju, 2013 u ghalhekk it-talbiet huma msejsa fuq disposizzjonijiet li saru l-fuq minn hamsa u ghoxrin (25) sena qabel. Il-Qorti ghalhekk ghandha d-dubji taghha kemm l-oggetti msemmija fid-disposizzjonijiet testamentarji baqghu jezistu fl-assi ereditarji tal-mejta Maria Schembri kkunsidrat li r-rikorrenti nfisha kkonfermat li ommha kienet tat xi oggetti tad-deheb tul hajjitha. fis-seduta tal-11 ta' Frar, 2021 a fol. 69A *et seq* tal-process r-rikorrenti stqarret illi:

'Dr Malcolm Mifsud: Nghid sew li matul hajjitha, tat diversi oggetti tad-deheb lil diversi membri tal-familja jigifieri meta nghid diversi membri tal-familja, l-ahwa, intom l-ahwa. Jigifieri matul hajjitha, tat id-deheb?

Xhud: Ehe, iva.'

Illi mbaghad meta nigu ghall-intimata Doris Testa, mill-atti jirrizulta li l-verzjoni tal-fatti taghha dejjem kienet wahda konsistenti. In fatti fil-premessi r-rikorrenti nfisha ddikjarat li l-

intimata Doris Testa dejjem '*...irriteniet li qatt ma instabu ghandha u ma humiex fil-pussess taghha. L-istess konvenuta Testa baqghet tasserixxi illi kwalsiasi oggett tad-deheb ta' ommha li jinstab fil-pussess taghha inghata lilha mill-omm waqt li l-omm kienet ghadha hajja.*'. L-istess verzjoni tal-fatti giet esposta mill-intimata Doris Testa fl-affidavit taghha a fol. 68 *et seq* tal-process.

A kuntrarju tar-rikorrenti u x-xhieda minnha mressqa, l-intimata Doris Testa fl-affidavit taghha ndikat bla skrupli l-oggetti li ommha Maria Schembri kienet tatha. Xehdet illi:

> 'Hi tatni fost affarijiet ohra u dawk li niftakar earings ta'djamanti bis-sapphire, imsielet u labra li kienet zzewget bihom, curkett bhal eternity ring, curkett twisted bi djamanti zghir, brazzuletta wiesa seba, munita, curkett iehor bi fossa, imsielet bi gawra u djamanta. Jista li kien hemm ohrajn, izda ma niftakarx ezatament jekk kien hemm ohrajn.'

Illi meta mqabbla d-deskrizzjoni ta' dawn l-oggetti (deskritti minn l-intimata) mad-deskrizzjoni tal-oggetti elenkata mix-xhud Carmen Sciortino annessa mal-affidavit taghha a fol. 42 *et seq* tal-process il-Qorti tista tinnota li in parte whud minn l-oggetti jaqblu flimkien. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha ntavolata nhar il-25 ta' Novembru, 2021 ir-rikorrenti Antoinette Degiorgio ssottomettiet li fil-kawza civili l-grad tal-prova huwa dak fuq bilanc ta' probabilita'. Appuntu b'referenza ghal dan il-grad tal-prova, l-Qorti tqis li ma tressqitx prova sufficjenti li tikkonvinci lill-Qorti li l-oggetti fil-pussess tal-intimata Doris Testa huma l-istess oggetti ndikati fit-testment tal-mejta ommhom Maria Schembri.

Il-Qorti tirrileva li r-rikorrenti setghet facilment resqet provi ulterjuri konsistenti f'ritratti li minnhom setghu jigu identifikati l-oggetti tad-deheb. Ir-rikorrenti setghet wkoll indikat b'mod aktar preciz fejn il-mejta Maria Schembri ghamlet uzu minn dawn l-oggetti tad-deheb, hekk kif ghamlet l-intimata Testa bil-ghan li l-fatti jkunu jistghu jigu kkorroborati. Mhux biss, ir-rikorrenti wkoll ma nsistietx mal-intimata Doris Testa li ttella l-oggetti tad-deheb li allegatament inghataw lilha minn ommha. Fil-fehma tal-Qorti r-rikorrenti ma ressqitx provi sufficjenti li l-oggetti tad-deheb indikati fit-testmenti tas-7 ta' April, 1986 u 9 ta' Marzu, 1988 kienu l-istess oggetti tad-deheb fil-pussess tal-intimata Doris Testa. In oltre lanqas tressqet prova li mal-mewt taghha l-omm Maria Schembri kien ghad baqala xi oggetti tad-deheb proprjeta taghha. Pjuttost il-provi fl-atti juru li huwa aktar probabbli li l-mejta ddisponiet minn mid-deheb kollu taghha sakemm hjija kienet ghadha hajja billi qassmet l-istess, kif riedet hi, bejn uliedha. Ghalhekk mal-mewt taghha ma kien ghad baqa' l-ebda deheb formanti parti mill-eredita wisq anqas dak indikat fil-legat. Ghaldaqstant fid-dawl ta' dak kollu suespost il-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa' l-hames eccezzjoni u konsegwentement tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.

## Decizjoni:

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti l-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi din il-kawza bil-mod kif isegwi:

1. Tichad l-ewwel u t-tieni eccezzjoni preliminari, kif ukoll it-tielet u r-raba' eccezzjoni tal-intimati;

2. Tilqa′ l-hames eccezzjoni tal-intimati u konsegwentement tghaddi sabiex tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.

Bl-ispejjez tal-eccezzjonijiet michuda a karigu tal-intimati, l-bqija tal-ispejjez a karigu tar-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**24 ta' Frar, 2022**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**24 ta' Frar, 2022**